

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9974/26

CORDROGUE 72
SAN 373
COSI 90
RELEX 756
UD 164
EUDA
EUROPOL

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 4 ta' Ġunju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet dwar l-operazzjonalizzazzjoni konġunta tal-Istrateġija tal-UE
dwar id-Drogi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-operazzjonalizzazzjoni konġunta tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, kif approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4179 laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2026.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-operazzjonalizzazzjoni konġunta tal-Istrateġija tal-UE
dwar id-Drogi**

Bi tweġiba għall-isfidi dejjem akbar għas-saħħa, is-sigurtà u s-soċjetà kkawżati mill-użu tad-droga, il-ħsara relatata mad-droga u t-traffikar tad-droga, il-Kunsill approva l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi¹, b'kont meħud tal-elementi sottolinjati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill approvati f'Marzu 2026. L-Istrateġija, li hija bbażata fuq l-evidenza, tadotta approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha. Din tfittex li tibbilanċja t-tnaqqis fil-provvista, it-tnaqqis fid-domanda u t-tnaqqis tal-ħsara, filwaqt li timmassimizza s-sinerġiji u tippromwovi l-konsistenza mal-livelli lokali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali kollha u bejniethom, b'rispett sħiħ tal-valuri tal-UE, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem.

I. Politika effettiva tiddependi fuq implimentazzjoni effettiva

Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill jikkostitwixxu l-Qafas ta' Implimentazzjoni tal-UE dwar id-Drogi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Implimentazzjoni"). Dan isarraf u jikkomplementa l-prijoritajiet tal-Istrateġija f'impenji u azzjonijiet konkreti, filwaqt li joperazzjonalizza l-ħames pilastri kollha: (1) it-tisħiħ tal-preparatezza u tar-rispons; (2) il-protezzjoni tas-saħħa pubblika; (3) it-titjib tas-sigurtà u l-protezzjoni tas-soċjetà; (4) l-indirizzar tar-riskji u l-ħsarat; u (5) il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom.

L-Implimentazzjoni ser tiggwida l-ħidma kollettiva tal-UE fis-snin li ġejjin. Billi tgħaqqad il-livelli politiċi, strateġiċi, ta' politika u operazzjonali, u billi tinvolvi setturi li jkopru s-saħħa, l-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja, l-edukazzjoni, l-affarijiet soċjali, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-ambjent kif ukoll varjetà ta' atturi, inkluż is-soċjetà ċivili, l-akkademja u l-atturi privati, hija mfassla biex tiġġenera effett akkumulanti fil-livelli lokali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali kollha, b'enfasi sostnuta fuq impatt ibbażat fuq l-evidenza, li jista' jitkejjel u reali. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni effettivi bbażati fuq l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u l-Implimentazzjoni, kemm fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif ukoll bejniethom, fl-oqsma kollha rilevanti għall-politika dwar id-drogi.

¹ 7066/26 & 15573/25.

Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-prijoritajiet, l-Implimentazzjoni għandha trawwem, fejn meħtieġ, l-iżvilupp ta' miżuri ġodda biex jirriflettu l-ħtiġijiet u l-isfidi emerġenti u futuri. Din għandha ssir b'mod prattiku, ibbażat fuq l-evidenza u orjentat lejn ir-riżultati, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-mekkaniżmi, l-għodod u l-proċessi eżistenti.

Ser jintużaw tliet komponenti ewlenin fl-Implimentazzjoni: - prinċipalment fir-rigward tal-pilastru tas-sigurtà (1) il-pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga² u l-prijoritajiet tal-EMPACT dwar it-traffikar tad-droga, filwaqt li jiġu żgurati sinerġiji bejniethom, li jistgħu jiġu kkomplementati minn aktar linji ta' ħidma mmirati; - fir-rigward tal-pilastru kollha, (2) il-mekkaniżmi, l-għodod u l-proċessi eżistenti li għandhom jiġu sfruttati bis-siġħ; - u fl-oqsma tat-tnaqqis fid-domanda u t-tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara, (3) Proġetti ta' Kooperazzjoni innovattivi li għandhom jiġu żviluppati u li jgħallaw il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u atturi rilevanti oħra dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku u li jindirizzaw il-lakuni fl-implimentazzjoni.

L-operazzjonalizzazzjoni ta' dawn il-komponenti tinsab fl-ANNEX ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill.

II. L-effettività tal-politika ma tistax tiġi preżunta; din għandha titkejjel u tiġi rieżaminata fejn meħtieġ

Il-progress tal-Implimentazzjoni għandu jiġi mmonitorjat maż-żmien, filwaqt li jippermetti rieżami bbażat fuq l-evidenza u korrezzjoni tal-kors fejn meħtieġ.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) mistiedna timmappja l-indikaturi eżistenti tagħha mqabbla mal-obiettivi tal-Istrateġija, u tivvaluta jekk ikunux potenzjalment meħtieġa indikaturi addizzjonali biex tiġi mmonitorjata l-Implimentazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

² 16353/25.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jimminimizza l-piż addizzjonali għall-Istati Membri billi jagħmel użu aħjar mid-data diġà miġbura, filwaqt li jirrikonoxxi li monitoraġġ effettiv jirrikjedi input suffiċjenti ta' data mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni, id-data u l-analiżi pprovduti mill-Istati Membri u mis-SEAE, u dik disponibbli mill-EUDA, mill-Europol, minn aġenziji u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mis-soċjetà ċivili, il-gruppi ta' riflessjoni u l-akkademja, għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi. Minħabba l-kompetenzi interkonnessi fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali, kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib huma essenzjali f'dan il-qasam. Biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u biex ikun possibbli kwalunkwe segwitu neċessarju ta' politika, inkluż monitoraġġ, il-Kummissjoni, il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u l-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG), bħala l-korp preparatorju tal-Kunsill responsabbli għall-politika dwar id-drogi, għandhom jikkooperaw mill-qrib. L-HDG ser jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Istrateġija. Fir-rigward tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni, dan ser isir filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, mill-aġenziji u minn partijiet ikkonċernati oħra li jipparteċipaw fil-proġetti kkonċernati. L-aġġornamenti u d-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ser jiġu inklużi regolarment fl-aġenda tal-HDG, irrispettivament minn tali skambji f'korpi preparatorji oħra tal-Kunsill kif rilevanti.

Ir-rieżami tal-Implimentazzjoni għandu jiġi inkluż fir-rapport ġenerali dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, mistenni sa tmiem l-2032, u għandu jkollha l-inputs mill-proċess ta' monitoraġġ u t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni.

1. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga

Il-Kunsill japprova l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga, b'kont meħud tal-elementi li ġejjin. Din l-approvazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet jew il-proċessi li huma żviluppati f'oqsma relatati u għar-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-mandati tad-diversi partijiet ikkonċernati. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tirrispetta wkoll il-mandati tal-aġenziji tal-UE u ma għandhiex tippreġudika diskussjonijiet futuri dwar ir-reviżjoni tal-mandati tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni kontra t-traffikar tad-droga huwa parti integrali mill-Implimentazzjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-enfasi qawwija tiegħu fuq il-kooperazzjoni operazzjonali u l-kwalità u r-rilevanza tal-azzjonijiet identifikati fih.

Il-Pjan ta' Azzjoni jiddeskrivi l-azzjonijiet ewlenin meħtieġa fil-livell tal-UE u dak nazzjonali mill-2026 sal-2030. Għandu jiġi nnotat li l-Istati Membri diġà identifikaw, matul l-eżami preliminari tal-Pjan ta' Azzjoni, li fl-indirizzar tat-traffikar tad-droga, għandha ssir enfasi, fost l-oħrajn, fuq: it-tishiġ tal-approċċ "segwi l-flus"; it-tishiġ tad-dimensjoni marittima bl-għajnuna tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej kif ukoll permezz ta' tishiġ u espansjoni tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC-N), bir-rispett dovut għall-mandat u l-funzjonament tiegħu, u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri tiegħu; l-approfondiment tas-sħubijiet pubbliċi-privati, b'mod partikolari mal-fornituri tas-servizzi postali u tal-pakketti; it-tishiġ tal-kooperazzjoni mal-kumpaniji tat-teknoloġija biex jiġi evitat ir-reklutaġġ online, speċjalment tal-minorenni, inkluż permezz ta' għodod ta' detezzjoni mtejba; u t-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż dawk doganali u ġudizzjarji. Għandha tingħata wkoll aktar attenzjoni lill-isfidi operazzjonali emerġenti, bħall-użu ħażin ta' bastimenti ta' veloċità għolja u l-użu ta' inġenji sommerġibbli u semisommerġibbli, kif ukoll lill-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż dwar l-iżmantellar ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tad-drogi illeċiti.

Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga ser jiġi implimentat parzjalment, fost l-oħrajn, permezz ta' azzjonijiet operazzjonali (OAs) żviluppati fi ħdan il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), u li trid tiġi żgurata koerenza reċiproka. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tikkontribwixxi, fi ħdan il-mandat tagħha, għal dik il-koerenza billi tirrifletti kemm jista' jkun il-prijoritajiet, il-muturi u l-mexxejja tal-azzjoni tal-EMPACT fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, filwaqt li tirrikonoxxi r-riżultati tal-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE (EU-SOCTA) żviluppata mill-Europol bħala l-bażi primarja għall-istabbiliment tal-OAs. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistieden lin-networks u l-gruppi ta' esperti rilevanti tal-UE ffinanzjati mill-Kummissjoni biex jirriflettu, fil-programmi ta' ħidma tagħhom, impenn li jipparteċipaw (inkluż bħala mexxej jew komexxej ta' azzjonijiet speċifiċi) fl-azzjonijiet tal-EMPACT relatati mal-Pjan ta' Azzjoni, u b'hekk isaħħu l-EMPACT u jappoġġaw it-twertiq tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali tagħha.

Il-Kunsill jissottolinja n-natura mhux eżawrjenti tal-Pjan ta' Azzjoni u b'mod partikolari jenfasizza r-rilevanza ta' inizjattivi oħra relatati mas-sigurtà meħuda fil-livell tal-Istati Membri jew tal-UE.

Il-Pjan ta' Azzjoni jista' jiġi kkomplementat minn aktar linji ta' ħidma mmirati kif identifikati mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji tal-UE, u l-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu żviluppi u valutazzjonijiet ulterjuri bħas-sejbiet tal-1 l-il-iklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi u l-kontribut tal-Eurojust dwar id-dimensjoni ġudizzjarja. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil investigazzjonijiet kriminali msaħħa u kkoordinati internazzjonalment biex il-kriminalità organizzata kontra d-drogi tiddgħajjef b'mod effettiv permezz tal-identifikazzjoni ta' ġerarkiji kriminali, flussi finanzjarji, rotot loġistiċi u organizzazzjonijiet kriminali assoċjati.

Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mis-SEAE, u dik disponibbli mill-EUDA, mill-Europol, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u minn aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-UE, għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kontra t-traffikar tad-droga, inkluż l-azzjonijiet komplementari, b'rapporatar regolari lill-Kunsill fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG). Korpi preparatorji rilevanti oħra fil-Kunsill ser jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni fejn rilevanti, b'mod partikolari l-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI), speċjalment fir-rigward tal-aspetti ta' kooperazzjoni operazzjonali marbuta mal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-EMPACT dwar it-traffikar tad-droga, il-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (CATS), il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali (CUG). Għandu jkun hemm biżżejjed flessibbiltà fil-qafas biex jiġu riflessi l-ħtiġijiet futuri u biex l-atturi jiġu mistiedna jikkontribwixxu fejn jitqies meħtieġ.

Sabiex jiġi żgurat appoġġ ikkoordinat u kontinwu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kontra t-Traffikar tad-Droga, Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill, appoġġati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, huma mistiedna jindirizzaw il-prijoritajiet meħuda mill-Pjan ta' Azzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u, fejn rilevanti, mas-SEAE u l-Aġenziji tal-UE kkonċernati, filwaqt li jqisu l-linji ta' ħidma mmirati ulterjuri jew l-azzjonijiet komplementari identifikati mill-Istati Membri.

2. Użu ta' mekkaniżmi, għodod u proċessi eżistenti

Fl-oqsma indirizzati fil-pilastri kollha, is-sinerġiji għandhom jiġu sfruttati bl-użu ottimali tal-mekkaniżmi, l-għodod u l-proċessi eżistenti. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji u l-korpi rilevanti huma mistiedna jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, filwaqt li jiżguraw komplementarjetajiet u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom. Meta possibbli, huma għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi, l-għodod u l-proċessi eżistenti jkunu konsistenti mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija.

Meta rilevanti u abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill, istituzzjonijiet oħra tal-UE u aġenziji u korpi rilevanti ser jiġu mħeġġa jirrapportaw lura regolarment lill-Grupp Orizzontali dwar id-Drogi dwar il-kontributi rispettivi tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Bl-istess mod, l-Istati Membri huma mħeġġa jiġbdu l-attenzjoni tal-HDG dwar l-iżviluppi nazzjonali tagħhom li huma relatati mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Il-Kummissjoni, is-SEAE, l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni lill-HDG dwar l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet jew inizjattivi internazzjonali u reġjonali oħra rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

Dan ser jippermetti lill-HDG ikollu ħarsa ġenerali tal-attivitajiet relatati mal-Implimentazzjoni, inkluż iżda mhux limitat għall-oqsma tas-saħħa, il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-affarijiet interni, u l-kooperazzjoni internazzjonali, sabiex jifhem kif jinteraġixxu bejniethom u jgħin biex jiġu indirizzati l-lakuni, id-duplikazzjonijiet jew l-inkonsistenzi li jistgħu jfixklu l-effiċjenza jew ir-realizzazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi.

3. Proġetti ta' Kooperazzjoni

Il-Proġetti ta' Kooperazzjoni għandhom ikunu għodda operazzjonali biex jiġu indirizzati dawk l-oqsma tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi li jibbenefikaw minn involviment imsaħħaħ fil-livelli kollha (lokali, nazzjonali u tal-UE), flimkien mal-mekkaniżmi, l-istrutturi u l-għodod eżistenti fil-qasam tat-tnaqqis tad-domanda u t-tnaqqis tar-riskju u l-ħsara. L-approċċ ibbażat fuq il-proġetti jirrifletti l-ħtieġa li tissaħħaħ l-implimentazzjoni f'dawk l-oqsma, filwaqt li jiġu ffaċilitati s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet meħuda fil-livelli tal-UE, nazzjonali jew lokali. Il-Proġetti ta' Kooperazzjoni għandhom jikkomplementaw il-mekkaniżmi, l-istrutturi u l-għodod eżistenti. Għalhekk, il-Proġetti ta' Kooperazzjoni huma maħsuba biex jindirizzaw il-pilastri u l-prijoritajiet tal-Istrateġija li mhumiex koperti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga u l-prijoritajiet tal-EMPACT dwar it-traffikar tad-droga, filwaqt li jiġu rikonoxxuti bħala ugwalmart importanti għall-implimentazzjoni effettiva u bbilanċjata tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi.

Il-metodoloġija, kif ukoll is-suġġetti għall-Proġetti ta' Kooperazzjoni ser jiġu diskussi u maqbuli mill-Istati Membri li jiltaqgħu fl-HDG.

It-tmexxija minn Stat Membru u l-parteċipazzjoni fi Proġetti ta' Kooperazzjoni ser ikunu volontarji, filwaqt li jiżguraw li l-qafas ta' implimentazzjoni jibqa' reattiv għall-ħtiġijiet nazzjonali u għall-isfidi emerġenti. L-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-EUDA, mistiedna wkoll jikkontribwixxu għall-Proġetti ta' Kooperazzjoni fejn rilevanti. Barra minn hekk, u meta rilevanti, għandha tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' atturi oħra, bħall-akkademja, il-laboratorji u entitajiet speċjalizzati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, u s-soċjetà ċivili.

L-implimentazzjoni tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni għandha tiġi mmonitorjata mill-parteċipanti, bl-assistenza tal-EUDA, fil-limiti tar-riżorsi disponibbli tal-EUDA. Il-Presidenza tal-Kunsill li tippresiedi l-HDG, appoġġata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, ser tipprovdi ħarsa ġenerali tal-proġetti u l-progress tagħhom. Bħala parti mill-iżvilupp ta' kull Proġett ta' Kooperazzjoni, għandhom isiru sforzi mill-Istati Membri parteċipanti lejn valutazzjoni tal-linja bażi relatata mal-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' indikaturi tal-prestazzjoni meta rilevanti, bl-appoġġ tal-EUDA.

Sal-lum u qabel it-tnedija tal-fażi pilota, Stat Membru, Franza, diġà ppropona inizjattiva għal Proġett ta' Kooperazzjoni biex titrawwem ir-riċerka Ewropea dwar id-disturbi fl-użu psikostimulanti³.

L-implimentazzjoni tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni tista' tiġi appoġġata permezz ta' finanzjament nazzjonali, mill-Istati Membri parteċipanti u meta possibbli u xieraq, possibbilment flimkien ma' sorsi ta' finanzjament tal-UE bħall-EU4Health, il-FSE+ u Orizzont Ewropa, meta applikabbli u f'konformità ma' prijoritajiet usa' tal-UE. Mingħajr ma jiġu antiċipati n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, peress li l-implimentazzjoni tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni tmur lil hinn mill-2028, l-oportunitajiet għall-finanzjament jistgħu jiġu esplorati bħala parti mill-QFP li jmiss. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri li jipparteċipaw fi Proġetti ta' Kooperazzjoni fl-aċċess għal sorsi ta' finanzjament rilevanti tal-UE, meta possibbli u rilevanti.

³ L-għan tal-inizjattiva huwa li jiġu kondiviżi l-għarfien eżistenti u l-istudji li għaddejjin fil-qasam tat-trattament għal disturbi marbuta mal-użu ta' psikostimulanti; jiġi diskuss kif għandhom jinġabru flimkien ir-riżorsi, il-possibbiltà ta' żvilupp ta' koorti fuq skala kbira, l-armonizzazzjoni tal-protokoll, u l-produzzjoni ta' data komparabbli u kumulattiva; u jiġu esplorati kuntatti mal-industrija farmaċewtika biex jitħaffu l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' trattamenti effettivi.

L-EUDA tista' tippovdi appoġġ lill-Proġetti ta' Kooperazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-analiżi xjentifika, l-iżvilupp metodoloġiku, il-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati, meta dan ikun kompatibbli mal-mandat, il-programmazzjoni u r-riżorsi disponibbli tagħha. Għal proġetti li jinkludu attivitajiet li għandhom isiru barra mill-UE jew f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, id-Delegazzjonijiet rilevanti tal-UE ser ikunu involuti kif xieraq.

Il-fażi pilota tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni għandha tibda fit-tieni semestru tal-2026 għal perjodu ta' 18-il xahar. Il-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-approċċ ibbażat fuq il-proġetti għandhom jiddependu fuq il-valutazzjoni tal-valur miżjud tiegħu mill-Istati Membri li jiltaqgħu fl-HDG.

